MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2009

Talba Numru. 315/2009

**Mangion & Lightfoot Limited**
**(C22032)**

**Vs**

**James Mangion**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi ikkundannat ihallasha s-somma ta' erba' mija u tnax-il euro u tletin centezmu (€412.30) rapprezentanti prezz ta' xoghol ta' disinn ta' logo, liema xoghol gie debitament accettat u kkonsenjat mill-konvenut. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erba’ mija u tnax-il euro u tletin centezmu (€412.30), bl-imghax legali dekoribbli mis-17 ta’ April 2009 (id-data tal-prezentata ta’ l-Avviz tat-Talba) sad-data ta’ l-effettiv pagament. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------